## ATTIVITAJIET MINN MEMBRI TAL-GHAQDA TAL - FOLKLOR

Rafel Bonnici Cali' Kien inghata midalja tad-deheb mis-Socjeta tal-Arti u Kummerc, ghax-xoghol li ghamel f'hajtu, kontribut ghall-arti f'Malta. Bhala tahdita tal-Ghaqda tal-Folklor, kienu htwerew sett slides ta' tpingijiet tieghu, dwar snajja maltin. Bhal-issa wkoll, qed tidher fil-Lehen is-Sewwa, serje twila ta' "Artisti li Niftakar", li huma kollha originali ta' siwi kbir, ghax qatt ma nkiteb xi haga dwar l-stess suggett qabel. Din is-serje ghandha wkoll sfond folkloristiku, ghax kien zmien meta l-arti kienet wahda mis -snajja lokali ghall-bosta nies. Is Sur Rafel Bonnici Cali kiteb ukoll artikoli ohrajn li jidhru msemmijin fill-Bibljografija ippubblikata f'din il-harga ta' l-Imnara.

Guido Lanfranco Minbarra artikoli li jidhru msemmijin fill-Bibljografija li tidher f'din il-harga ta' L-Imnara, f'dawn it-tnax il-xhar li ghaddew ghamel diversi attivitajiet ohra li ghandhom x'jaqsmu mal-folklor lokali. Kiteb serje ta' 17 xandira dwar l-istorja tat-trasport f'Malta li xxandret bhala serje f'4 xhur. Issa dawn gabarhom, u ser jigu ppublikati ktieb. Kiteb ukoll sbatax il-xandira ohra dwar 'Il-Medicina Popolari fl-Imghoddi, fil-Gzejjer Maltin", li ukoll inqraw f'tul 4 xhur, u ser jigu migbura ktieb. Ghamel diversi tahditiet dwar il-folklor Malti, lill-studenti ta' 9 klassijiet fil-Licei l-Gdid,Msida, u lill-Grupp Arkeologiku Malti. Ha part i f'konkors ta' e ssays, f'Dicembru li ghadda,imhiedi mill-kazin ta' San Lawrenz, Ghawdex, u ha l-ewwel premju; dan kien dwar drawwiet f'Ghawdex, fi Zmien il-Milied. Ghamel ukoll partijiet mit-tahditiet fil-programm ta' Cable Radio 'Hekk Bdew', dwar aspetti folkloristici ta' diversi rhula Maltin. Qabel tispicca din is-sena, l-Ghaqda tal-Folklor ser torganizza ezibizzjoni dwar aspetti tal-folklor lokali, li ser tkun tikk-onsisti minn tpingijiet tas-Sur Lanfranco.